MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 342/2002/1

**S Gullaumier & Company Limited**

**vs**

**Paul Chetcuti u Salvu Brincat**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta’ attrici wara ppremettiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt elef tlett mija u hmistax-il lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm6315.33), oltre l-imghaxijiet skond il- ligi sad data ta’ l-effettiv pagament, rapprezentanti bilanc tal-prezz minnhom dovut lis-socjeta’ attrici ghall-bejgh u installazzjoni ta’ suffett da parti tas-socjeta’ attrici fuq ordni u inkarigu tal- konvenuti;

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex ihallsu u minkejja id-diversi weghdiet taghhom, anke bil-miktub, li kienu ser jaffettwaw il-hlas, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ sitt elef tlett mija u hmistax-il lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm6315.33) hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn taf is-socjeta’ attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta’ dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta’ Raphael Carabott hawn anness Dok.X;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandiex din il-Qorti, previa kull dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna: -

(1) taghti s-sentenza u tilqa’ t-talba tas- socjeta’ attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif ipprovdut fl-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12); u

(2) b’hekk tikkundanna minnufih lil-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef tlett mija u hmistax-il lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm6315.33) rapprezentanti bilanc tal-prezz minnhom dovut lis-socjeta’ attrici ghall-bejgh u installazzjoni ta’ suffett da parti tas-socjeta’ attrici fuq ordni u inkarigu tal-konvenuti;

(3) bl- imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandati ta’ sekwestru u qbid kawtelatorju li qed jigu pprezentati kontestwalment, kontra il-konvenuti li gew ingunti sabiex jidhru ghas- subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar 2005;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentemnt pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawnil-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna l-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt elef tlett mija u hmistax-il lira maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm6315.33) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta’ bejgh u installazzjoni ta’ suffett da parti tas-socjeta’ attrici fuq ordni u inkarigu tal-konvenuti u dana bl- imghaxijiet kollha legali mid-data ta’ dinis-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra il-konvenuti.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------